XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 415*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 43*
*Il-Ġimgħa 06 ta' Awwissu, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.50pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Peress li preżenti fil-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill kien hawn membri tal-pubbliku li xtaqu jitkellmu mal-Kunsill, il-Kunsill qabel li għandu jisma' l-ilmenti/suġġerimenti tagħhom. Il-Minuti tal-Laqgħat Nru 413 u 414 se jiġu diskussi aktar tard.*

**1. Bring in Sites fi Triq Rotunda**

Preżenti fil-kamra tal-laqgħat kien hawn Ġannina Farrugia li toqgħod fi Triq Indipendenza kantuniera ma' Triq Rotunda. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li rċevejna ittra dwar l-istess suġġett iffirmata mill-aħwa Farrugia inkluża Ġannina. Huma qed jilmentaw dwar il-Bring in Sites li tpoġġew fi Triq Rotunda u qed isostnu li dawn mhux posthom f'din it-triq peress li fejn tpoġġew, it-triq hija privata u barra minn hekk din it-triq qegħda fil-village core. Ġannina qalet ukoll li l-istess Bring in Sites qegħdin faċċata tat-twieqi tad-dar tagħha. Fl-aħħar laqgħat il-Kunsill kien qabel li għandu jressaq il-Bring in Sites aktar 'l fuq (peress li kien irċieva ittra/ilment oħra minn għand l-istess Gannina Farrugia) iżda meta morna biex inresquhom, l-istess Ġannina kienet talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex mhux jitresqu iżda jitneħħew minn Triq Rotunda. Għalhekk hija ġiet hawn il-Kunsill biex tiddiskuti dwar il-possibilta li dawn il-Bring in Sites jitneħħew.

Ġannina reġgħet sostniet dak li l-aħwa Farrugia kitbu fl-ittra tagħhom jiġifieri li fejn tpoġġew il-Bring in Sites hija privata, qegħdin faċċata tat-twieqi tad-dar tagħha u li Triq Rotunda hija triq fil-village core u għalhekk dawn għandhom jitneħħew mill-istess triq. Hija ilmentat ukoll li qed jitfgħu imbarazz madwarhom u anke annimali mejta u għalhekk qed ikun hemm ħafna rwejjaħ u skart. Dwar dawn l-ilmenti l-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jiġi avżat biex kuljum inaddaf madwar il-Bring in Sites kif suppost diġa qed jagħmel.

Ġannina nfurmat lill-Kunsill li huwa possibbli wkoll li joħroġ permess għall-bini eżatt fejn tpoġġew il-Bring in Sites. Il-Kunsill assigura lil Ġannina li jekk joħroġ permess għall-bini, il-Bring in Sites jitneħħew malli jkun se jibda xogħol ta' kostruzzjoni.

Is-Sindku pproponiet li tiġi esplorata l-possibilta li dawn il-Bring in Sites jiġu spustjati għal Pjazza San Ġwann Battista u jsiru taħt l-art simili għal dawk li qed isiru f'Tal-Barmil HOS. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u qabel ukoll li għandna nitolbu lil Wasteserv Ltd biex jesploraw din il-possibilta.

Il-Kunsill u anke Ġannina qablu li għalissa l-Bring in Sites jitħallew fejn huma. Jekk il-proposta li jitpoġġew fi Pjazza San Ġwann Battista tkun waħda li tista' tiġi attwata, dawn jitneħħew minn Triq Rotunda.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandna mmorru fuq il-post biex naraw fejn l-aħjar li jistgħu jsiru fi Pjazza San Ġwann Battista. Il-Perit John Saliba se jiġi kkuntattjat biex jagħti l-parir tiegħu wkoll.

## 2. Banda Prekursur

Preżenti fil-kamra tal-laqgħat kien hawn Carmel Attard, Segretarju ta' Banda Prekursur. Carmel Attard informa lill-Kunsill dwar l-attivitajiet li għandhom isiru għall-Festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras. Fost affarijiet oħra huwa qal li l-Erbgħa 25 ta' Awwissu ser isir il-ħruġ tal-istatwa ta' San Ġwann, is-Sibt ser ikun hemm it-tiġrijiet taż-żwiemel filwaqt li l-Ħadd filgħodu ser ikun hemm il-marċ mill-Banda Prekursur.

Il-Kunsill qabel li peress li l-marċ ser isir filgħodu, il-ħuġġieġa għandha ssir l-Erbgħa fil-għaxija meta joħorġu l-istatwa ta' San Ġwann Battista.

Carmel Attard informa lill-Kunsill dwar il-fatt li Mro Pasquale Aiezza (Surmast tal-Banda ta' Castelvenere) kien għadda marċ lill-Banda Prekursur fi żmien meta sar il-ġemellaġġ bejn iż-żewġt irħula. Huwa qal li għandhom informazzjoni li xi Banda oħra lokali tista' tikkoppja dan il-marċ peress li qiegħed fuq il-websajt ta' Mro Aiezza. Carmel Attard qal li l-Banda Prekursur tixtieq li dan il-marċ ikun tagħha biss peress li anke Mro Aiezza semmigħ proprju Prekursur, għal Banda Prekursur. Is-Sindku ssuġġeriet li Banda Prekursur għandhom jiktbu jew jagħmlu kuntatti ma' Mro Aiezza dwar dan u jitolbuh biex ineħħi l-marċ minn fuq il-websajt jew ma jħallix aċċess biex kull min irid ikun jista' jikkupjah. Għandhom jitolbuh biex jagħti l-copy right lill-Banda Prekursur peress li dan il-marċ kien ġie mogħti lilhom.

## 3. Defile taż-Żwiemel 2011

Preżenti fil-kamra tal-laqgħat kien hawn Michael u Rita Sultana. Huma nfurmaw lill-Kunsill li binhom, Trevor, is-sena d-dieħla, il-Ħadd 19 ta' Ġunju 2011, ser jiċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu wara li jkun ħa l-Ordinazzjoni ta' Qassis. F'din il-ġurnata, il-Kunsill jorganizza d-defile taż-żwiemel fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Battista. Michael u Rita talbu lill-Kunsill biex għas-sena d-dieħla dan il-marċ isir f'data oħra. B'hekk iż-żewġ attivitajiet ma jaħbtux fl-istess ħin. Il-Kunsill qabel dwar dan u għalhekk se tinstab soluzzjoni biex id-defile isir f'ġurnata oħra.

## 4. Approvazzjoni tal-Minuti

*Il-Minuti tal-Laqgħat Numru 413 u 414 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**Mill-Minuti 413 paragrafu 3 vi**

Is-Sindku talbet li jitniżżel dan:-

Is-Sindku qalet li hija ma tistax tapprova n-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsilliera. Filwaqt illi qalet li nuqqas ta' attendenza fil-laqgħat imsejħa b'urġenza setgħet tkun aċċettabbli, dan żgur mhux aċċettabbli f'laqgħat avżati ġimgħat qabel. Hi qalet li l-Kunsilliera l-oħra huma liberi jieħdu d-deċiżjoni tagħhom iżda hija tastjeni minn kwalunkwe approvazzjoni ta' nuqqas ta' attendenza.

Il-Kunsilliera Marthese Portelli, b'referenza wkoll għal-laqgħa 414 li ssejħet b'urġenza għat-2 ta' Awwissu fin-12.30pm qalet li minħabba l-impenji tagħha mhux possibbli li tattendi laqgħat f'dawk il-ħinijiet aktar u aktar meta jiġu msejħa fi żmien qasir.

Is-Sindku qalet li dik il-laqgħa ssejħet f'dawk il-ħinijiet peress li minn naħa ta' Wasteserv Ltd talbu li ssir dak il-ħin u peress li s-seduta tal-MEPA biex tiġi diskussa l-Biological Treatment Plant kienet għal jumejn wara u għalhekk biex il-Kunsill ma joqgħodx jerġa' jiltaqa' aktar tard biex jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu, ġie suġġerit li ssir fl-istess ħin tal-laqgħa mal-Wasteserv Ltd.

Barra minn hekk jekk kien hemm xi Kunsillier/a li ma setgħax/setgħetx jattendi/tattendi kien hemm żmien tlett ijiem biex jitlob/titlob li jinbidel il-ħin iżda l-Kunsilliera Marthese Portelli avżat dwar dan xi sagħtejn biss qabel il-laqgħa. Kif dejjem sar fil-Kunsill preżenti u anke dawk preċedenti, is-Sindku dejjem tipprova takkomoda l-ħin u d-disponibilita tal-Kunsilliera kollha biex kulħadd ikun jista' jattendi għal-laqgħat kollha li jsiru.

**Mill-Minuti 413 paragrafu 4 iv**

Il-bozza li kienet imwaħħla mal-post ta' Nazzarenu Azzopardi, Nru 36 Triq Manwala kienet inqalgħet iżda ma setgħetx teħel mal-arblu li hemm f'kantuniera ma' Triq Dun Grezz Farrugia, għar-raġuni li l-arblu huwa tal-kumpanija Melita u mhux tal-Enemalta u għalhekk m'hemmx wires tad-dawl għaddejjin minn fuq l-istess arblu. Is-Sindku qalet li fil-futur qabel jiġi aċċettat li tinqala xi bozza għandna niċċekkjaw fejn tista' teħel. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien ġie Carmel Pace li joqgħod f'Nru 35 Triq Manwala (ma' ġenb ta' Nazzarenu Azzopardi) u qal li huwa lest li jaċċetta li teħel floodlight mal-post tiegħu sakemm jeħel arblu minn naħa tal-Enemalta u għalhekk wara tkun tista' teħel il-bozza mal-istess arblu. Il-Kunsill qabel li temporanjament għandna nwaħħlu floodlight mal-post ta' Carmel Pace kif qed jitlob huwa stess. Hekk kif jeħel arblu minn naħa tal-Enemalta, il-bozza li nqalgħet tkun tista' teħel mal-istess arblu.

**Mill-Minuti 413 paragrafu 5**

Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Teddy Mizzi jekk kienux ġew installati s-CCTV fl-inħawi ta' Lambert kif kien miftiehem mal-Wasteserv Ltd. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li għadhom ma ġewx installati iżda qiegħed f'kuntatti ma' Charles Spiteri. Il-Kunsillier Mizzi staqsa jekk fejn se jeħlu dawn is-CCTV huwiex privat. Huwa qal li l-Kunsill nefaq ħafna flus biex inaddaf dawn l-inħawi u sa fejn jaf hu hemm hekk huwa privat. Is-Sindku qalet li mill-informazzjoni li għandha dik hija triq pubblika peress li diversi bdiewa għandhom l-aċċess għall-egħlieqi tagħhom minn din it-triq.

**5. Festa San Ġwann Battista Qtugħ ir-Ras**

Aktar kmieni ġew diskussi l-attivitajiet tal-Festa ta' San Ġwann Battista Qtugħ ir-Ras flimkien ma' Carmel Attard li kien qed jirrappreżenta lill-Banda Prekursur. Il-Kunsill qabel li għandha ssir il-ħuġġieġa kif sar f'dawn l-aħħar snin. Is-Sindku pproponiet ukoll li għandna norganizzaw il-Wirja tal-Annimali. Peress li l-Ħadd 29 ta' Awwissu, li jaħbat eżatt jum il-festa, ser isir marċ filgħodu mhux ser ikun possibbli li l-wirja ssir dak in-nhar.

Il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li huwa mhux ser ikun jista' jgħin f'dawn l-attivitajiet peress li mhux ser ikun hawn.

*F'dan il-ħin, it-8.20pm, il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li qed jħossu ma jiflaħx u ħareġ mill-kamra tal-laqgħat.*

Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar il-wirja tal-annimali u qabel li din għandha ssir il-Ħadd 12 ta' Settembru. Is-Sindku se tieħu ħsieb biex torganizza din l-attivita.

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li sid ta' kiosk talab biex jingħata permess waqt l-attivita tat-tiġrija taż-żwiemel li ser issir is-Sibt 28 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel li peress li mhux ser ikun hemm armar tal-festa, huwa jista' jingħata permess biex jarma l-Kiosk tiegħu fi Pjazza San Ġwann Battista jew fi Triq Ġuże D'Amato.

**6. L-iskav ta' Għar ix-Xiħ u Tal-Loġġa**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-iskav ta' Għar ix-Xiħ issa ingħalaq. Meta kien qed isir dan l-iskav l-Onor. Dr Chris Said żar ukoll is-sit u wera ħafna interess f'dak kollu li qed iseħħ. Dan l-aħħar bdew l-iskav fl-inħawi tal-Loġġa u l-Onor. Dr Chris Said żar dan is-sit ta' skav ukoll. Kif ġara fl-iskav ta' Għar ix-Xiħ, f'Tal-Loġġa instabu affarijiet interessanti fosthom affarijiet ta' żmien il-Biżantini liema era kien għad m'hawnx tagħrif dwarha f'Malta. Is-Sindku qalet li Tony Pace ta din l-informazzjoni meta l-Onor. Said żar l-iskav tal-Loġġa. Huwa qal li nstab ħajt ta' aktar minn żewġ metri u nofs fond u dan kien ferm importanti għall-iskav li qed isir peress li jagħti aktar indikazzjonijiet tal-attivita li kienet issir f'dawn l-inħawi u anke taż-żmien li huwa maħsub li nbena l-istess ħajt.

**7. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-30**

**8. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**

**Mill-Korrispondenza**

i. Josef Hili f'isem l-Għaqda Dilettanti tan-Nar informa lill-Kunsill li fl-okkażżjoni tal-Festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras ser jinħaraq xi nar tal-ajru. Huwa qed jitlob l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex dan ikun jista' jsir. Il-Kunsill qabel li mhux permess bil-liġi li nagħtu għajnuna finanzjarja. Għalhekk l-Għaqda Dilettanti tan-Nar se jiġu nfurmati dwar dan.

ii. Is-Sur Joseph Muscat, Segretarju tal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq informa lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat tiegħu ġie suġġerit li triq bejn Triq Majmuna u Trejqet taċ-Ċnus tissemma Triq il-Barrieri. Ir-raġuni biex tingħata dan l-isem hija peress li f'dawn l-inħawi kien hemm barriera li fiż-żmien meta kienet tintuża kien jinqata' ġebel sabiħ ħafna minnha. Aktar qabel, din it-triq kien ġie suġġerit mill-Kunsill li tissemma Triq Rosa Magro iżda l-Kunsill qed jaqbel li tissemma Triq il-Barrieri kif propost mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq. Il-Kunsill qabel ukoll li hekk kif ikun hemm triq ġdida, din għandha tissemma Triq Rosa Magro.

iii. Il-Kunsill kien għamel talba biex ħaddiema tal-pooling tal-IPSL jiġu x-Xewkija u jagħmlu xogħol ta' bankini, fl-HOS Tal-Barmil. Is-Sur Rene Savona Ventura informa lill-Kunsill li peress li n-numru ta' ħaddiema tagħhom huwa limitat, huwa jkun jista' jibgħat ħaddiema tal-pooling biex jagħmlu xogħlijiet ta' bankini iżda minn naħa tiegħu l-Kunsill irid jibgħat lill-ħaddiema li għandu taħt l-iskema tal-ex WSC biex flimkien ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta. Is-Sindku pproponiet li noħorġu sejħa għall-offerti/kwotazzjoni biex jinxtara materjal għall-bankini.

iv. Id-Direttur Ġenerali Martin Bugelli nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tiegħu dwar Public Private Partnership fuq toroq kien ġiet aċċettata. Il-Kunsill qed jiġi mwiegħed li jingħata €56,761 bħala għajnuna biex toroq ikunu jistgħu jiġu miksija mill-ġdid bit-tarmak. It-toroq li għalihom kiena applika l-Kunsill huma Triq Arċ Grech, Triq Indri Borg, Triq l-Għarus, Triq Sant'Elija u Triq Jean De La Vallette. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna naċċettaw il-proposta tad-Direttur Ġenerali. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna noħorġu sejħa għall-offerti biex dawn it-toroq ikunu jistgħu jinksew bit-tarmak.

v. Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni tal-Perit Lino Bianco dwar technical note li rridu nippreżentaw lill-MEPA dwar il-Gozo Treatment Plant li qed jiġi suġġerit li jinbena f'Tal-Kus, ix-Xewkija. Il-kwotazzjoni biex issir it-technical note hija ta' €1085.72. Il-Kunsill qabel li għandna naċċettaw din il-kwotazzjoni u għalhekk il-Perit Bianco se jiġi nfurmat biex jagħmel it-technical note u jippreżentha lill-MEPA sal-11 ta' Awwissu.

vi. Andrea Scorcia, Cultural Contact Point Assistant, fil-Culture and Audiovisual Unit fi ħdan l-uffiċċju tal-Prim Ministru, talbet lill-Kunsilli sabiex jinnominaw kunsillier li jkun il-contact person dwar attivitajiet kulturali fil-lokalita. Il-Kunsilliera Marthese Portelli nfurmat lill-Kunsill li hija interessata li tkun il-contact person tal-Kunsill tagħna. Il-Kunsill qabel dwar dan.

vii. Joan Haber ta' Alka Ceramics bagħtet lista ta' ismijiet tat-toroq li huma neqsin jew imkissrin u għalhekk iridu jsiru mill-ġdid. L-istima bit-twaħħil b'kollox hija ta' € 42 (VAT eskluż) għal kull isem ta' triq. Il-Kunsill qabel li nivverifikaw il-lista u fejn hemm l-imkissrin jew nieqsa għandna nordnaw biex isiru.

viii. Michael Saliba f'isem Arka Foundation talab lill-Kunsilli donazzjoni ta' €100 għal meta tkun qed issir il-Bike Show b'risq l-istess Arka Foundation. Il-Kunsill qabel li mhux permess bil-liġi li nagħtu donazzjonijiet u għalhekk mhux possibbli li t-talba ta' Michael Saliba tiġi milqugħa.

ix. Transport Malta informaw lill-Kunsill li l-proposta biex jsiru double yellow lines fi Triq Sapiano kienet ġiet aċċettata. Il-Kunsill qabel li nordnaw dan ix-xogħol biex isir mill-ħaddiema tal-IPSL (pooling system).

x. Il-Kap tal-Iskola Primarja tax-Xewkija talab biex jeħel bank fil-ground tal-iskola. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw biex jeħel dan il-bank.

xi. Memo 95/2010 tittratta dwar skemi speċjali dwar attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw dwar l-attivita tal-Karnival. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu laqgħa ma' dawk kollha interessati li tiġi organizzata attivita kulturali fir-raħal tagħna. Għalhekk ser isiru avviżi biex l-għaqdiet kollha tar-raħal tagħna jiġu mistiedna jattendu u jagħtu l-proposti tagħhom waqt din il-laqgħa. Il-laqgħa ser issir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awwissu fis-6.30pm.

xii. David Azzopardi f'isem l-Għaqda tal-Armar ta' Triq San Bert talab biex jiltaqa' mal-Kunsill biex jiġi diskuss dwar il-kiosks li jarmaw fi żmien il-festa. Il-Kunsill qabel li niltaqgħu nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awwissu fis-6.30pm.

xiii. Vincent Azzopardi mill-ETC informa lill-Kunsill li t-terminu ta' uħud mill-parteċipanti dwar xogħol fil-komunita wasal biex jintemm. Għalhekk huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill jekk jaqbel li għandu jiġġedded għal sitt xhur oħra. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li ż-żewġ parteċipanti li t-terminu tagħhom wasal biex jintemm huma Anthony Abela u Michael Spiteri. Is-Segretarju qal li Michael Spiteri kien qallu li ma jixtieqx li jibqa' mal-Kunsill tax-Xewkija. Dwar Anthony Abela, jekk il-Kunsill jaqbel, huwa jixtieq li jġedded it-terminu tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jġedded it-terminu ta' Anthony Abela filwaqt li jgħarraf lil Vincent Azzopardi dwar is-sitwazzjoni ta' Michael Spiteri biex ma jibqax mal-Kunsill tagħna.

xiv. L-AKL infurmat lill-Kunsilli li bejn it-22 u t-23 ta' Ottubru 2010 ser issir il-laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki fil-lukanda Dolmen, Buġibba. Il-Kunsill qabel li għandna nipparteċipaw f'din il-laqgħa.

xv. Il-Perit Saliba għadda kopja ta' pjanta dwar il-latrina pubblika tal-Pjazza San Ġwann Battista biex fiha jiġi nstallat lift u b'hekk tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru xi amendi għal din il-pjanta. Għalhekk il-Perit Saliba se jiġi mitlub biex issir pjanta oħra bl-emedni li ġew suġġeriti.

## 9. Tender – Resurfacing of Roads

Il-Kunsill irċieva żewġ offerti għall-kisi ta' toroq bit-tarmak (Tender 2010/02). L-offerti mitfugħa huma ta' Road Constructions Co Ltd (€169,186.50) u ta' Gatt Tarmac Ltd (€164,999.00). Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn iż-żewġ offerti u qabel unanimament li għandha tiġi aċċettata l-offerta ta' Gatt Tarmak Ltd li hija l-aktar vantaġġjuża. Peress li l-Kunsill issa irid jagħmel xogħlijiet ta' kisi bit-tarmak taħt l-iskema tal-Public Privat Partnership, il-Kunsill qabel li għandna niffirmaw kuntratt għal tlett snin biex it-toroq imsemmija f'Tender 2010/02 isiru fuq pjan ta' tlett snin u b'hekk il-Kunsill ikollu l-fondi meħtieġa. F'dan it-tender it-toroq imsemmija li jridu jinksew bit-tarmak huma Triq Kraba, Trejqet Kraba, Triq San Duminku, Triq is-Salib u parti minn Triq Sant'Indrija. Minn naħa tad-Dipartiment, f'Memo 113/2010 issemmew liema toroq il-Kunsilli Lokali huma obbligati li jagħmlu u fil-fatt apparti dawk taħt l-iskema tal-PPP, il-Kunsill huwa mistenni li jagħmel Triq Kraba. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nibdew naħdmu fuq din it-triq.

## 10. Laqgħa mal-Perit Lino Bianco

Kif kien miftiehem fl-aħħar laqgħat tal-Kunsill, nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju saret laqgħa mal-Perit Lino Bianco dwar Ġnien Ta' Blankas. Għal din il-laqgħa minn naħa tal-Kunsill kien preżenti s-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill kien talab din il-laqgħa wara li ltaqa' mal-Wasteserv Ltd u b'hekk jiġi diskuss Ġnien ta' Blankas. Il-Perit Bianco informa lis-Segretarju li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jaħdem mhux biss fuq il-bini u manutenzjoni tal-Ġnien ta' Blankas iżda wkoll dwar il-manteniment tal-istess ġnien. Huwa qal li l-Kunsill għandu jesplora fuq il-possibilta li l-Wasteserv Ltd wara li jkunu għamlu x-xogħol meħtieġ għandhom jimpjegaw numru ta' ħaddiema biex dan il-ġnien jinżamm fi stat tajjeb u anke l-Interpretation Centre li huwa maħsub li jsir, jinżamm miftuħ.

Dwar l-Interpretation Centre huwa qal ukoll li għandna naraw kif nagħmlu emenda biex issir estensjoni u b'hekk ikun hemm aktar spazju fejn jiġu esibiti l-affarijiet li qed jinstabu mill-iskav li qed isir f'Għar ix-Xiħ u f'Tal-Loġġa.

Il-Perit Bianco ippropona li ssir laqgħa flimkien mal-Wasteserv Ltd biex flimkien naraw kif dan il-proġett jista' jseħħ.

Il-Kunsill qabel li għandna nikkordinaw laqgħa bejn il-Wasteserv Ltd, il-Perit Lino Bianco u l-Kunsill biex jiġi diskuss kif dan il-proġett ta' Ġnien ta' Blankas jista' jitwettaq.

## 11. Materja oħra

i. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Joseph Pace ta' 34 Triq in-Narċis, ix-Xewkija kien informa lill-Kunsill li fi Triq Majmuna (fejn għandu post) kien intefa' ġebel u materjal ieħor tal-bini bil-konsegwenza li ma tistax tgħaddi b'karozza. Is-Segretarju qal li dwar dan l-ilment ġie wkoll Anthony Grech u qal li quddiem il-flat tiegħu intefa' materjal tal-kostruzzjoni. Anthony Grech qal li dan il-materjal intefa' mill-WSC meta' għaddew is-servizz tal-ilma. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li peress li din il-parti tat-triq hija ġdida u għalhekk fir-responsabilta tal-Ministeru għal Għawdex biex titranġa, huwa kien

għadda dan il-każ mis-sistema tal-Customer Care (Ref. 23010038127616). Il-Kunsill qabel li din il-problema għandha tiġi solvuta mill-Ministeru Għal Għawdex.

ii. Dr Mario Saliba kien mar il-Kunsill jilmenta dwar l-istat ħażin li tinsab fih il-Berġa tax-Xewkija li tinsab ma' ġenb l-Għassa tal-Pulizija. Dr Saliba kien qal lis-Segretarju Eżekuttiv li l-Uffiċċjal inkarigat mill-bereġ huwa Alfred Xerri. Dr Saliba kellu jgħid lil Alfred Xerri biex jikteb ittra lill-Kunsill dwar l-istat tal-Berġa. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li s'issa għadu ma rċieva xejn minn naħħa tad-Dipartiment tas-Saħħa dwar il-Berġa. Il-Kunsill qabel li għalkemm il-berġa mhix fir-responsabilta' tiegħu, għandna nitolbu lid-Dipartiment tas-Saħħa biex flimkien niddiskutu x'hemm bżonn isir u wara ssir il-manutenzjoni meħtieġa u b'hekk ir-residenti tax-Xewkija jkunu moqdija b'mod xieraq. Fejn ikun possibbli l-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ftit tal-ġimgħat ilu kienu ċemplulha mill-Għassa tal-Pulizija peress li kien hemm xi bieb li mill-Għassa jinfed għall-istess berġa u li kellu xi ħsara u għalhekk hemm bżonn li jitranġa. Il-Kunsill qabel li nibgħatu lill-ħaddiema (ex WSC) biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

iii. Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona li teħel tabella fi Triq San Bert kantuniera ma' Triq Mġarr li tindika li ma jistgħux jgħaddu vetturi kbar ħlief biex jagħtu servizz fi Triq San Bert. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-apporvazzjoni tat-Transport Malta dwar din il-proposta tat-traffiku.

*F'dan il-ħin, l-9.45pm, il-Kunsilliera Marthese Portelli nfurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tkompli tattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħarġet mill-kamra tal-laqgħat*

iv. Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona sabiex isiru double yellow lines fi Triq il-Kbira (n-naħa t'isfel fejn it-triq tidjiq) peress li qed jipparkjaw iż-żewġ naħat u qed ikun hemm konġezzjoni ta' traffiku. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-apporvazzjoni tat-Transport Malta dwar din il-proposta tat-traffiku.

v. Elizabeth Everett ta' 31 Triq il-Kbira talbet biex isiru double yellow lines fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq San Publiju u anke fil-kantunieri ta' Triq San Publiju mal-istess Triq il-Kbira. Hija qalet li t-traffiku mhux ikun jista' jgħaddi speċjalment minn Triq San Publiju għal Triq il-Kbira u barra li qed ikun hemm konġestjoni ta' traffiku huwa wkoll ta' periklu għal min ikun għaddej minn hemm. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-apporvazzjoni tat-Transport Malta dwar din il-proposta tat-traffiku.

vi. Manuela Xuereb ta' 35 Triq il-Knisja u Jacqueline Refalo ta' Redentur Triq il-Kbira, talbu lill-Kunsill sabiex isiru double yellow lines faċċata ta' garaxx fi Triq Santa Katerina. Huma qed jilmentaw li qed jipparkjaw faċċata tal-garaxx tagħhom bil-konsegwenza li ma jkunux jistgħu joħorġu jew idaħlu l-karozzi tagħhom. Il-Kunsill qabel li mhux possibbli li niżbgħu double yellow lines faċċata ta' kull garaxx peress li fix-Xewkija tant hawn toroq dojoq li tista' tispiċċa kważi tiżbogħ it-toroq kollha u ma jkun jista' jipparkja ħadd. Din hija problema ta' nfurzar tal-liġi peress li ħadd ma jista jostakola garaxx. Għalhekk huma għandhom jagħmlu rapport mal-Pulizija jekk jipparkjaw faċċata tal-garaxx tagħhom. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fil-futur qrib il-Kumitat Reġjonali Għal Għawdex ser ikollu Gwardjani Lokali li parti mix-xogħol

tagħhom ser ikun li jedukaw lir-resdenti u anke jagħtu twissijiet u ċitazzjonijiet fejn ikun meħtieġ. Għalhekk tajjeb li nistennew li tibda titħaddem din is-sistema u b'hekk imbagħad nitolbu biex fir-raħal tagħna ssir kampanja ta' edukazzjoni dwar it-traffiku u fost oħrajn dwar kif wieħed għandu joqgħod attent biex bil-vettura tiegħu ma jkunx ta' ostakolu jew periklu għal ħaddieħor kemm meta jkun qed isuq kif ukoll meta jipparkja l-vettura tiegħu.

vii. Josephine Gatt ta' Razzett Ta' Ħamet, talbet biex jeħel bank fi Triq Ta' Ħamet, fejn ir-razzett imsemmi. Il-Kunsill qabel li għandna nivverifikaw jekk hux diġa hemm bank. F'każ li m'hemmx, nordnaw biex jeħel wieħed mill-MSD.

viii. Sylvia Galea ta' Triq Ta' Ġokk, infurmat lill-Kunsill li t-tifel tagħha weġġa' meta kien qed jilgħab fil-playing field Ġnien Castelvenere. Hija qalet li weġġa' meta kien qed jilgħab fuq il-merry go round. Hija qalet li l-merry go round mhix imkissra, anzi tinsab fi stat tajjeb. L-AKL qed tagħmel stħarriġ dwar l-apparat tal-bandli fil-playing fields ta' Malta u Għawdex u għalhekk il-Kunsill qabel li jekk din il-merry go round hija perikloluża, għandha titneħħa. Sylvia Galea ilmentat ukoll dwar il-lampi li hemm fl-istess playing field peress li l-globi jagħtu d-dawl 'l fuq bil-konsegwenza li jidħol fil-kmamar tad-dar tagħha speċjalment fis-sajf peress li t-twieqi jkunu miftuħin. Il-Kunsill qabel li dwar dan l-ilment naraw tistax issir xi ħaġa biex il-fanali ma jitfgħux dawl 'l fuq.

ix. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li x-xogħlijiet fuq il-latrina pubblika li qed tinbena fi Triq Ħamrija mexjin b'ritmu tajjeb u għalhekk issa irridu naħsbu dwar attendant mal-istess latrina pubblika. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu sejħa għall-offerti biex meta niftħu l-latrina pubblika jkolna l-attendant jieħu ħsiebha.

x. Salvu Vella ta' Vella Bros, Triq il-Kav. L. Z. Haber, talab biex teħel lampa fl-istess triq fejn Ġnejnet it-Tfal peress li hemm ħafna dlam. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex tiġi installata lampa ġdida.

xi. Is-Sindku pproponiet sabiex inwaħlu tabelli biex sidien jiġbru l-ħmieġ tal-klieb tagħhom. Is-Sindku pproponiet li nwaħlu dawn it-tabelli f'diversi nħawi, fosthom f' Ta' Ġokk HOS. Il-Kunsill qabel li nordnaw it-tabelli meħtieġa għand Refalo Signs. Is-Sindku se tikkordina mal-kuntrattur biex tindikalu fejn iridu jeħlu t-tabelli.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Settembru, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku

**Skeda ta' Pagamenti**

XEWKIJA

<u>Data: 06.08.2010</u> Nru: 6-30

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont (Euro) | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Petty Cash Lulju 2010 | Cash | 67.07 | 8154 |
| 2 | Spejjeż dwar l-iskavar Għar ix-Xiħ | Gozo Channel eċċ | 1140.53 | 8155 |
| 3 | Advert Tender Resurfacing | Dept. of Information | 197.70 | 8156 |
| 4 | Spejjeż dwar l-iskavar Għar ix-Xiħ | Gozo Channel eċċ | 197.70 | 8157 |
| 5 | Programm Hence (DSA) - AKL | Av. Monica Vella | 230.00 | 8158 |
| 6 | Kont tat-telefon Awissu 2010 | Go plc | 197.59 | 8159 |
| 7 | ADSL – Librerija Pubblika | Go plc | 16.20 | 8160 |
| 8 | Fees & Expenses European Dev.Fund | Lino Bianco A & CE | 2632.29 | 8161 |
| 9 | Hanger | Hilite | 4.43 | 8162 |
| 10 | Paving Blocks – bankina | J.C.R. Ltd. | 28.90 | 8163 |
| 11 | Mirja tat-Traffiku | Guillamier Ltd. | 57.73 | 8164 |
| 12 | Refill, linka etc. | Island Tech. | 158.00 | 8165 |
| 13 | Sinjali tat-traffiku | Refalo Signs | 476.00 | 8166 |
| 14 | Services Refuse Collection Ġunju 2010 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2712.00 | 8167 |
| 15 | Marċ Defile taż-żwiemel | Soċjeta Filarmonika Prek. | 780.00 | 8168 |
| 16 | Update of data base | EneMalta Co. | 274.94 | 8169 |
| 17 | Dumping (materjal tat-Trejzu) | Carmel Grima | 189.65 | 8170 |
| 18 | Pjanti u pots | Il-Ġardina | 478.54 | 8171 |
| 19 | Tindif Ġunju 2010 | Acc. Public Cleansing Sec. | 273.42 | 8172 |
| 20 | Connectivity Lulju-Settembru 2010 | Mita | 426.81 | 8173 |
| 21 | Tisqija Ġunju 2010 | Richard Attard | 220.00 | 8174 |
| 22 | Motor Show PA System | Aurelio Bugeja | 300.00 | 8175 |
| 23 | Kiri tal-Hall - Skema Sports | Saviour Tabone | 300.00 | 8176 |
| 24 | Minibus Service – Skavar | Mario's Rent a car | 35.40 | 8177 |
| 25 | Servizz Bulky Refuse Collection | Joseph Attard | 137.57 | 8178 |
| 26 | Kors Pilates - Skema Sports | Antonella Zammit | 210.00 | 8179 |
| 27 | Trucks & Labourers – diversi xogħlijiet | Joseph Magro | 666.84 | 8180 |
| 28 | Bolli | Georgia Hili | 95.00 | 8181 |
| 29 | Advert Tender Re-Public Conv. | Dept. of Information | 9.32 | 8182 |
| 30 | Manutenzjoni ta' Lampi eċċ | Richard Cauchi | 3045.92 | 8183 |
| 31 | Servizz Tindif tat-toroq | Xewkija Tigers F.C. | 923.81 | 8184 |
| 32 | C.M. fees Lulju 2010 | Galea Curmi Eng. Cons. | 88.40 | 8185 |
| 33 | Cold Mix | Road Construction Co.Ltd. | 950.55 | 8186 |
| 34 | Servizz Librerija Lulju 2010 | Librara | 256.52 | 8187 |
| 35 | Flyers- Life Long Learning 2010 | J.De Bono Printing Ltd. | 94.50 | 8188 |
| 36 | Żebgħa tat-toroq | Mario Mallia | 354.15 | 8189 |
| 37 | Shovels & Labourers - Tas-Salvatur | Joseph Magro | 1106.96 | 8190 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 38 | Designing of Local Map | Paul Stellini | 520.00 | 8191 |
| 39 | Servizz Refuse Collection Lulju 2010 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2955.99 | 8192 |
| 40 | Servizz ta' Konsultant – WTS | Lino Bianco A & CE | 3178.33 | 8193 |
| 41 | Salarju Awissu 2010 | Segretarju Eżekuttiv | 1427.37 | 8194 |
| 42 | Salarju Awissu 2010 | Assistant Principal | 1123.85 | 8195 |
| 43 | Mayors' Allowances Awissu 2010 | Sindku | 571.33 | 8196 |
| 44 | Taxxa u Bolla Awissu 2010 | C.I.R. | 1200.41 | 8197 |
| 45 | Tindif Lulju 2010 | Pauline Xerri | 50.00 | 8198 |
| 46 | Tindif Lulju 2010 | Publia Xerri | 50.00 | 8199 |
| | | **Total €** | **30411.72** | |

Segretarju Eżekuttiv Sindku V.
Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 415